**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**8 ta' Jannar 2020**

**Rikors Numru 102/2018**

**Eugene Cardona**

**Vs**

**L-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta**
**maghruf ukoll bhala Transport Malta**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ipprezentat minn **Eugene Cardona** fil-11 ta' Ottubru 2018 li permezz tieghu ppremetta s-segwenti:

*"1. Illi fis-26 ta' Settembru 2018 l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta maghruf ukoll bhala Transport Malta tat id-decizjoni hawn annessa u mmarkata bhala Dok. "A" fil-konfront tal-esponent;*
*2. Illi permezz ta' decizjoni moghtija mill-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta maghruf ukoll bhala Transport Malta (Transport Malta) u komunikat lill-esponent permezz ta' ittra mibghuta lilu datata s-26 ta' Settembru 2018 (Dokument "A" – anness), l-istess Transport Malta rrevokat b'effett immedjat il-licenzja li ghandu l-esponent bhala "VRT Test Operator" u mponiet multa kontra l-esponent fl-ammont ta' hdax-il elf ewro (€11,000) bhala multa amministrattiva a tenur tar-Regolament 21(4) ta' L.S. 65.14;*
*3. Illi l-esponenti jhoss ruhu aggravat bid-decizjoni precitata tas-26 ta' Settembru 2018 moghtija minn Transport Malta kif esposta fl-istess ittra (Dokument "A") senjatament peress illi l-imsemmija decizjoni hija nulla u minghajr ebda effett fil-ligi, ma hijiex konformi mal-ligi, ma hijiex ekwu u gust, hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ma tikkonformax ruhha mal-principji tal-gustizzja naturali u ghalhekk qed jinterponi umli appell mill-istess a tenur tal-artikolu 22 tar-Regolamenti dwar Testijiet biex jiccertifikaw li Vetturi bil-Mutur huma Tajba ghat-Triq (L.S. 65.15), u dana ghas-segwenti ragunijiet:*
*a. L-ewwel u qabel kollox ghandu jinghad illi l-imsemmija decizjoni tas-26 ta' Settembru 2018 (Dokument "A") hija leziva fid-drittijiet fundamentali tal-esponent*

*hekk kif protetti mill-artikolu 6 tal-Ewwel skeda tal-Kap 319 tal-ligijiet ta' Malta, u dana peress illi tali decizjoni ttiehdet mill-istess Transport Malta li dikjarat l-irregolaritajiet fil-konfront tal-esponent u inghatat minghajr ma l-esponent kellu dritt ghal smigh xieraq, cioe' minn Tribunal jew Qorti indipendenti li setghet u li kienet qed tosserva l-principji legali bazilai ta' "nemo iudex in causa propria";*

*b. Illi di piu' l-imsemmija decizjoni tas-26 ta' Settembru 2018 (Dokument "A") ma hijiex konformi mal-ligi, ma hijiex ekwu u gust u ma tikkonformax ruhha mal-principji tal-gustizzja naturali in kwantu li hija nieqsa mill-grad ta' motivazzjoni rikjesta mil-ligi u anke peress illi r-ragunijiet li fuqhom hija bbazata l-istess decizjoni ma humiex riflessi f'dik id-decizjoni. L-imsemmija lanqas ma tghid kemm il-penalty point gie penalizzat l-esponent b'referenza ghal kull allegata rregolarita' – haga li, bir-rispett kollu, l-esponent kellu kull dritt illi jigi mgharraf biha;*

*c. Illi f'kwalunkwe kaz ukoll l-imsemmija decizjoni tas-26 ta' Settembru 2018 (Dokument "A") ma hijiex konformi mal-ligi, ma hijiex ekwu u gust u ma tikkonformax ruhha mal-ligi naturali in kwantu li l-esponent kien, skont l-istess provvedimenti kostituzzjonali precitati, intitolat ghal smigh xieraq **qabel** ma tittiehed decizjoni fil-konfront tieghu;*

*d. Illi f'kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-allegazzjonijiet hekk kif vantati fl-imsemmija decizjoni tas-26 ta' Settembru 2018 (Dokument "A") li kienu gew kommessi rregolaritajiet daparti tal-esponent hija infondata fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jigi ppruvat bl-aktar mod lampanti fil-mori tas-smigh ta' din il-kawza;*

*e. Illi f'kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, daqstant iehor, l-allegazzjoni li l-esponent hareg certifikati li l-vetturi hemm imsemmija ghaddew mit-test dwar jekk humiex tajba ghat-triq (il-VRT test) illegalment hija wkoll infondati fil-fatt u fid-dritt, u dan kif ser jigi fil-mori tas-smigh ta' din il-kawza;*

*f. Illi f'kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, daqstant iehor, l-allegazzjoni li l-esponent hareg 13-il certifikat li juru li t-13-il vetturi hemm imsemmija ghaddew mit-test dwar jekk humiex tajba ghat-triq (il-VRT test) meta skont Transport Malta kellu johrog certifikati li juru li dawn il-vetturi msemmija m'humiex tajba ghat-triq hija wkoll infondati fil-fatt u fid-dritt, u dan kif ser jigi fil-mori tas-smigh ta' din il-kawza;*

*g. Illi f'kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, daqstant iehor, l-allegazzjoni li l-esponent hareg 6 certifikati li juru li s-6 vetturi msemmija ghaddew mit-test dwar jekk humiex tajba ghat-triq (il-VRT test) meta skont Transport Malta kellu johrog certifikati li juru li dawn il-vetturi msemmija m'humiex tajba ghat-triq hija wkoll infondati fil-fatt u fid-dritt, u dan kif ser jigi fil-mori tas-smigh ta' din il-kawza;*

*h. Illi f'kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, daqstant iehor, l-allegazzjoni li l-esponent hareg 5 certifikati li juru li l-5 vetturi msemmija ghaddew mit-test dwar jekk humiex tajba ghat-triq (il-VRT test) fuq il-bazi ta' testijiet mhux kompluti hija wkoll infondati fil-fatt u fid-dritt, u dan kif ser jigi fil-mori tas-smigh ta' din il-kawza;*

*i. Illi oltre dan l-esponent kien ben gustifikat li jirrilaxxa kull certifikat li rrilaxxa li juri li 'l hemm imsemmija vetturi kienu ghaddew mill-VRT test, u dan kif ser jigi fil-mori tas-smigh ta' din il-kawza;*

*j. Illi ghalhekk ir-revoka tal-licenzja ta' VRT Test Operator tal-esponent, il-penalty points u anke l-multa ta' €11,000 imposti fuq l-esponent permezz tal-imsemmija*

*decizjoni tas-26 ta' Settembru 2018 (Dokument "A") huma nulli u minghajr effett fil-ligi u f'kwalsiasi kaz ghandhom jigu mhassra u revokati;*
*Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq premessi u ghal dawk li jinghataw fil-mori ta' dawn il-proceduri, l-esponent, filwaqt illi jirriserva li jressaq dawk il-provi kollha permess mil-ligi u jaghmel dawk is-sottomissjonijiet kollha permessi mil-ligi, jitlob lil dan it-Tribunal sabiex jirrevoka d-decizjoni ta' Transport Malta tas-26 ta' Settembru 2018 (Dokument "A") u tiddeciedi minflok billi thassar ghal kollox u tannulla r-revoka tal-licenzja ta' VRT Test Operator tal-esponent, il-penalty points u anke l-multa ta' €11,000 imposti fuq l-esponent skont l-imsemmija ittra ta' Transport Malta tas-26 ta' Settembru 2018 (Dokument "A")."*

Ra r-risposta tal-**Awtorita` ghat-Trasport f'Malta** datata 24 ta' Ottubru 2018 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:

*"1. Illi fir-rigward tal-aggravju illi d-decizjoni appellata hija nulla u bla ebda effett ghaliex leziva fid-dritt fundamentali tal-appellant Eugene Cardona ghal smigh xieraq, tali aggravju huwa kompletament infondat u minghajr ebda bazi ghaliex id-decizjoni tal-Awtorita' hija decizjoni amministrattiva mehuda minn regolatur ossia entita' amministrattiva u mhux xi decizjoni gudizzjarja li tehtieg illi jkun hemm smigh xieraq qabel ma tinghata. Kien proprju sabiex id-drittijiet tal-individwu ghal smigh xieraq meta jkun jixtieq jikkontesta decizjonijiet amministrattivi illi l-legizlatur holoq lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jisma' b'mod spedit u bi spejjez minimi appelli minn tali decizjonijiet, oltre ghar-rikors li dejjem kien hemm quddiem il-qrati ordinarji, inkluz a tenur tal-artikolu 469A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta. Oltre dan, dan l-Onorabbli Tribunal mhuwiex vestit b'gurisdizzjoni kostituzzjonali u kieku l-appellant ried jikkontesta d-decizjoni jew ghemil amministrattiv mehud mill-Awtorita' rispondenti ghal ragunijiet imsejsa fuq konsiderazzjonijiet ta' ksur ta' drittijiet imharsa bil-kostituzzjoni, certament illi kellu jipprocedi quddiem forum differenti. Illi dan kollu diga' gie enuncjat bl-izjed mod car u inekwivoku fid-decizjoni moghtija minn dan l-Onorabbli Tribunal fil-11 ta' Mejju 2015 fil-kawza fl-ismijiet 'Eugene Cardona -vs- L-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta) (Rikors Numru 127/2013CG) illi l-appellant certament li ghandu jkun ben konxju taghha izda minkejja dan xorta wahda ghazel li jerga' jqajjem l-istess aggravju. Ghalhekk tali aggravju ghandu jigi sommarjament michud.*

*2. Illi l-istess jinghad ghat-tieni aggravju tal-appellant u cioe' illi d-decizjoni moghtija mill-Awtorita' rispondenti hija nulla u bla effett ghaliex nieqsa mill-grad ta' motivazzjoni rikjesta mil-ligi, tali aggravju wkoll huwa wiehed kompletament bla bazi u infondat u jimmerita li jigi sommarjament respint bl-istess mod li gie respint ukoll fil-fuq imsemmija decizjoni moghtija minn dan l-Onorabbli Tribunal fil-11 ta' Mejju, 2015 fil-kawza fl-ismijiet 'Eugene Cardona -vs- L-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta) (Rikors Numru 127/2013CG).*

*3. Illi, fil-mertu, id-decizjoni tal-Awtorita' appellata hija wahda gusta, korretta u skont il-ligi u ghalhekk l-Awtorita' tirriafferma b'mod shih id-decizjoni taghha notifikata lill-appellant permezz ta' ittra datata 26 ta' Settembru, 2018 u ttenni illi l-appellant*

*ikkommetta l-vjolazzjonijiet kollha elenkati fl-imsemmija ittra u dan kif se jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell.*

*4. Illi ghalhekk l-appell interpost mill-appellant ghandu jigi michud bl-ispejjez filwaqt li d-decizjoni tal-Awtorita' rispondenti tigi kkonfermata."*

Sema' x-xhieda;

Ra d-dokumenti kollha esebiti;

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.
**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrenti hassu aggravat b'decizjoni tal-Awtorita` intimata kontenuta f'ittra datata 26 ta' Settembru 2018 li permezz taghha gie mgharraf bis-segwenti decizjoni u cioe`:

*"Mr. Cardona,*

*Re: Revocation of Operator's Licence*

*By means of the present you are hereby formally being advised that, in terms of Regulation 11(5) of the Motor Vehicle Roadworthiness Test Regulations (S.L. 65.15/0 your authorization as Operator (Operator License No: LTD/41/12/3) is hereby being* ***revoked*** *with immediate effect in view of the fact that there exist gross acts of misconduct or negligence and/or other serious grounds which warrant the immediate revocation of your license, and this for the reasons hereunder explained.*

*In fact, in addition to the various administrative fines and penalty points which have already been imposed against you by the Authority since the inception of your license, it has now resulted to the Authority that during the month of August, 2018 the following serious transgressions were committed from the VRT Station which you are licensed to operate -:*

*(A) thirteen (13) Passed Test Certificates were issued for 13 different vehicles for which no test reports were available when asked to produce such reports by Transport Malta officials;*
*(B) six (6) Passed Test Certificates were issued for 6 different vehicles when in actual fact a Failed Test result should have been issued;*
*(C) five (5) Passed Test Certificates were issued for 5 different vehicles on the basis of an incomplete VRT test.*

*The details relative to the said transgressions are as follows :-*

***Category A***

| *Date* | *Time* | *Vehicle Reg.No.* | *Result* | *Certificate Number* |
|---|---|---|---|---|
| *02/08/2018* | *10:53* | *GBI083* | *Pass* | *C3688800* |
| *03/08/2018* | *17:09* | *DCB079* | *Pass* | *C3699786* |
| *07/08/2018* | *12:38* | *HBV196* | *Pass* | *C3699797* |
| *07/08/2018* | *12:44* | *GLN082* | *Pass* | *C3688784* |
| *07/08/2018* | *13:03* | *JLT260* | *Pass* | *C3699798* |
| *08/08/2018* | *16:59* | *JON624* | *Pass* | *C3699819* |
| *09/08/2018* | *12:47* | *HBI618* | *Pass* | *C3699805* |
| *09/08/2018* | *16:53* | *ACN114* | *Pass* | *C3699839* |
| *13/08/2018* | *13:45* | *TRA106* | *Pass* | *C3699790* |
| *14/08/2018* | *11:41* | *DAN330* | *Pass* | *C3699868* |
| *14/08/2018* | *14:16* | *FBZ753* | *Pass* | *C3699876* |
| *25/08/2018* | *13:38* | *GRO770* | *Pass* | *C3699896* |
| *30/08/2018* | *11:15* | *HAB293* | *Pass* | *C3699940* |

*No Test Report was produced upon request of Transport Malta official in relation to all of the above-mentioned 13 Passed Test Results issued from the VRT Station which you are licensed to operate during the month of August, 2018.*

***CATEGORY B***

| *Date* | *Time* | *Reg.No.* | *Result* | *Cert.No.* | *Deficiency* |
|---|---|---|---|---|---|
| *07/08/2018* | *17:13* | *FCE207* | *Pass* | *C3699804* | *Failed brakes test* |
| *30/08/2018* | *16:00* | *HBI291* | *Pass* | *C3699951* | *Failed brakes and emissions test* |
| *31/08/2018* | *12:46* | *CCG787* | *Pass* | *C3699956* | *Failed parking brakes test* |
| *31/08/2018* | *13:52* | *GAO358* | *Pass* | *C3671418* | *Failed test upon retest* |
| *31/08/2018* | *14:48* | *HAT808* | *Pass* | *C3699961* | *Failed brakes test* |
| *31/08/2018* | *16:39* | *FCN981* | *Pass* | *C3699968* | *Failed emissions test* |

***CATEGORY C***

| *Date* | *Time* | *Reg.No.* | *Result* | *Cert.No.* | *Items not tested (as per Report)* |
|---|---|---|---|---|---|
| *03/08/2018* | *11:13* | *JBM813* | *Pass* | *C3699780* | *Emissions* |
| *10/08/2018* | *12:59* | *HBU931* | *Pass* | *C3699842* | *Emissions* |
| *14/08/2018* | *13:55* | *TRD240* | *Pass* | *C3671400* | *Emissions* |
| *29/08/2018* | *12:01* | *HAA225* | *Pass* | *C3671411* | *Emissions* |
| *31/08/2018* | *11:34* | *HBE252* | *Pass* | *C3699955* | *Brakes* |

*As the holder of the Operator's License, the responsibility for all testing procedures carried out at Eugene Cardona VRT Station in Luqa rests solely with you, and this in terms of Regulation 10(1)(a) of S.L. 65.15. Furthermore, it results that you were also the Tester who conducted (or, as the case may be, failed to conduct the tests / full tests) relative to the vehicles mentioned in Categories A, B and C supra.*

*Also, in terms of Regulation 10(1)(j) of S.L. 65.15, you are duty-bound to abide at all times with the regulations and standards concerning the VRT tests stipulated in the said Regulations (S.L. 65.15), an obligation which you have clearly failed to observe.*

*Moreover, in terms of Regulation 10(1)(r) of S.L. 65.15, you shall not, under any circumstance, issue a passed test result unless a complete test has been carried out, an obligation which has clearly been flouted with regard to the 18 vehicles listed under Categories A, B and C supra.*
*Consequently the Authority is hereby* ***revoking*** *your Operator's License with immediate effect.*
*Furthermore, in view of the grave and serious violations of your obligations in terms of law, this Notice in Writing is being issued in terms of Regulation 21(2) of S.L. 65.15.*

*Your actions qua OPERATOR are in breach of the provisions of paras: (a), (j) and/or (r) of Regulation 10(1) of S.L. 65.15, para: (b) of Regulation 25 and Items 49 and/or 93 of the Twelfth Schedule of S.L. 65.15.*

*Consequently the sanctions established in Regulation 21 of S.L. 65.15 are applicable in this case and hence 1,000 penalty points are being imposed against you for a violation of Item 93 of the Twelfth Schedule to S.L. 65.15 as follows:*

| ***Item*** | ***Offence*** | ***Points*** |
|---|---|---|
| *93* | *Issued a pass result either without conducting a complete test or where a fail result should have been issued* | *1,000* |

*In addition, you are liable to pay the Authority the sum of eleven thousand Euro (€11,000) by way of administrative fine in terms of Regulation 21(4) of S.L. 65.15.*

*In terms of Regulation 21(5) of S.L. 65.15, the said fine must be settled within ninety (90) days following the lapse of twenty-one days after the notification of the breach if you do not file an appeal in front of the Administrative Review Tribunal or within ninety days from the date of the final decision given by the Tribunal if you do file such an appeal.*

*Should you fail to settle the fine within the time-frames established in Reg. 21(5) as explained in the preceding paragraph of this Notice, you shall be liable to pay the Authority a daily administrative fine of eleven Euro (€11) until the fine is paid in full, and this in terms of Regulation 21(7) of S.L. 65.15.*

*Finally, the Authority draws your attention to your right to appeal this decision in terms of Regulation 22 of S.L. 65.15.*

*In view of the revocation of license, you are hereby formally advised that should you choose to appeal this decision you shall nevertheless be unable to operate the VRT Station in question until the appeal is finally decided."*

**Angelo Cardona**, it-tifel tar-rikorrent, spjega illi huwa *assistent tester* ma' missieru gewwa l-garage bl-isem Eugene Cardona VRT Station. Jispjega li f'xi gurnata qabel ma' missieru rcieva l-ittri li permezz taghhom gew revokati l-licenzji ta' tester u ta' operatur, kienu marru Joe Mifsud u Sabrina Schembri, ufficjali tal-Awtorita` intimata u talbuhom xi rizultati tal-VRT ta' xi vetturi. Mifsud talbu wkoll il-lista kollha tal-karozzi li kien sarilhom il-VRT fix-xahar ta' Awwissu u hu ghamel hekk sal-ghada filghodu, pero` kien hemm numru ta' vetturi li ma setghax isibhom fis-sistema. Ghalhekk ix-xhud talab lil Mifsud biex jaghtih ic-*chassis number* tal-istess vetturi biex ikun jista' jfittixhom b'dan in-numru pero` Mifsud ma tahomlux. Jispjega li huwa xtaq ic-*chassis number* ta' dawk il-vetturi li ma sabx il-VRT taghhom peress li dawn seta' inbidel in-numru ta' registrazzjoni taghhom u kwindi ma seta' qatt isibhom bin-numru l-gdid ghax ghandu kienu registrati bin-numru ta' registrazzjoni l-antik. Fil-fatt fil-mori ta' din il-kawza ix-xhud sab sitt testijiet tal-VRT mitluba lilu wara li l-Awtorita` intimata pprovdietlu c-*chassis numbers* tal-istess (Dok AC1 a fol. 46-50).

Ix-xhud spjega wkoll illi kien hemm numru iehor ta' rizultati li sabhom wara ghaliex induna li kien hemm *misprint* fin-numru ta' registrazzjoni tal-vettura u dawn esebihom bhala Dok AC2 a fol. 52-59. Jispjega wkoll illi kien hemm numru ta' vetturi ohra li veru kienu fallew il-VRT pero` meta sar ir-*retest* ezatt wara dawn ghaddew. Dawn ir-rizultati gew esebiti bhala Dok AC3 sa AC13 minn fol. 60 sa 76 u jaghti spjegazzjoni ghala l-ewwel it-test partikolari gie "fail" u mbaghad gie "pass".

**Ir-rikorrent** xehed illi ufficjal ta' Transport Malta kienet cemplitlu u qaltlu li kienu qed jaghlqulhom il-garage ghaliex skont hi kien hemm xi vetturi li sar il-VRT taghhom li pero` r-rizultat taghhom ma giex mghoddi lill-Awtorita` intimata. Jispjega li t-tifel tieghu kien talab in-numri tac-*chassis* lill-ufficjali tal-Awtorita` intimata pero` dawn ma ridux jaghtuhomlu. Jispjega illi l-ufficjali tal-Awtorita` intimata ma kinux sabu t-testijiet kollha ghaliex nel frattemp xi vetturi kienu lahqu biddlu n-numru ta' registrazzjoni u ghalhekk hu qatt ma seta' jsibhom fis-sistema tieghu bin-numru li bih kienu registrati mieghu. Jghid pero` li xi ftit ohrajn ma nstabux peress li kien hemm zball min-naha taghhom meta dahhlu n-numru fis-sistema. Jispjega li pero` meta nghata c-chassis number fil-kors ta' dawn il-proceduri, huwa fittixhom u sabhom kollha. Jispjega li meta t-tifel tieghu kien staqsa ghax-*chassis number* qabel ma tfewlhom is-sistema, ir-risposta tal-ufficjali tal-Awtorita` intimata kien biex jidhlu l-Qorti. Jispjega wkoll illi mill-allegati irregolaritajiet kollha li sabu l-ufficjali tal-Awtorita` intimata, zewg vetturi biss kienu regghu ittiehdu ghal *re test* u cioe` vettura tal-marka Mitsubishi u ohra tal-marka Mercedes.

Fir-rigward tal-vetturi elenkati f'kategorija A fid-decizjoni appellata, ir-rikorrent stqarr illi mhux vera li ma tawx ir-rapport tat-test tal-istess vetturi lill-ufficjali tal-Awtorita` intimata meta hekk mitluba. Fir-rigward tal-kategorija B u cioe` fejn l-Awtorita` intimata qiegha tallega li sitt (6) vetturi ghaddew mit-test meta suppost m'ghaddewx, ir-rikorrent qal li l-istess Awtorita` ma qaltlux fuq xhiex dawn is-sitt vetturi suppost m'ghaddewx.

**Joseph Mifsud**, ufficjal tal-Awtorita` intimata, stqarr illi fil-31 ta' Awwissu 2018 kien dahlilhom rapport fil-konfront tar-rikorrent illi kien hemm suspett li vettura kienet ghaddiet mill-VRT minghajr ma sarilha t-test. Jghid li ghalhekk ra liema vetturi kienu ghaddew mill-VRT station tar-rikorrent dakinhar u li kienu ta' *dealers* u regghu tellghuhom ghat-test u l-istess vetturi m'ghaddewx mit-test. Ghalhekk hu talab lir-rikorrent sabiex jghaddilu r-rapport shih ta'kull vetturi li sarilha t-test fix-xahar ta' Awwissu 2018. Minn dawn ir-rapporti irrizultalu li kien hemm sitt (6) vetturi li r-rapport taghhom kien li jidhru li m'ghaddewx mit-test filwaqt li fuq is-sistema taghhom, maghrufa bhala l-VERA, kienu jidhru li ghaddew. Jispjega wkoll li kien hemm hames (5) vetturi ohra li gew mghoddija minghajr ma sarilhom it-test komplut u tlettax (13)-il vettura ohra li gew mghoddija mill-VRT li pero` r-rikorrent ma pprovdiex rapport taghhom.

**Sabrina Busuttil**, *administrative manager* mal-Awtorita` intimata, stqarret illi wara li kienu nstabu n-nuqqasijiet fl-operat tar-rikorrenti hija assistiet ghal zewg *re-tests* li saru ghand ir-rikorrent u sussugwentement kienet infurmatu li kienet se tittihidlu l-licenzja kemm bhala *VRT tester* u kemm bhala operatur. Spjegat illi dak il-hin baghtet *email* lir-rikorrent bid-decizjoni tar-revoka tal-licenzja u sussegwentement intbaghtet id-decizjoni formali.

Hija spjegat li wara li sab dawn in-nuqqasijiet, Mifsud rega' mar ghand ir-rikorrent u tah cans jaghti spjegazzjoni ghall-istess, pero` l-ebda spjegazzjoni ma nghatat.

**Ikkunsidra:**

Illi permezz ta' numru ta' aggravji preliminari ir-rikorrent jishaq illi gew lezi d-drittijiet fondamentali tieghu in kwantu ma nghatax smiegh xieraq qabel ma ttiehdet id-decizjoni fil-konfront tieghu. Illi t-Tribunal josserva illi huwa m'ghandux kompetenza biex jippronunzja ruhu fir-rigward, pero` jirrileva illi l-Awtorita` intimata mxiet proceduralment b'mod korrett ai termini tar-Regolament 11 (5) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15. Josserva wkoll illi l-legislatur ipprovda ghal rimedju ta' appell quddiem dan it-Tribunal mid-decizjonijiet ta' l-Awtorita` intimata fejn kull appellant jinghata smiegh xieraq. Illi fir-rigward tal-aggravju illi d-decizjoni appellata ma tikkonformax ruhha mal-principji ta' gustizzja naturali in kwantu hi nieqsa mill-grad ta' motivazzjoni rikjesta mil-ligi, it-Tribunal josserva illi d-decizjoni appellata hija wahda dettaljata bin-nuqqasijiet riskontrati mill-Awtorita` intimata. Fir-rigward ta' nuqqas ta' citazzjoni tal-*penalty points* it-Tribunal josserva illi l-Awtorita` intimata ma naqqsitx punti ghal kull nuqqas izda ghazlet li tapplika Partita 93 tat-Tnax-il Skeda tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15, liema Partita tistipula li l-Awtorita` intimata` ghandha tnaqqas 1000 punt ta' penalita` f'kaz li operatur johrog certifikat ta' *pass* meta mhux suppost ikun hareg tali certifikat. Illi ghalhekk it-Tribunal hu tal-fehma illi l-aggravji preliminari huma infondati.

Illi l-aggravji rimanenti jikkoncernaw il-mertu veru u proprju.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-ufficjali tal-Awtorita` intimata irriskontraw numru ta' nuqqasijiet fl-operat tal-*VRT station* licenzjata f'isem l-imputat, fejn hu u ibnu, Angelo Cardona, joperaw bhala *testers*.

Illi mill-istess provi jirrizulta illi ghal dak li ghandu x'jaqsam man-nuqqasijiet imsemmija f'**Kategorija A** tad-decizjoni appellata, u cioe` illi r-rikorrent ma pprovdiex lill-Awtorita` intimata l-*passed test certificates* ta' tlettax (13)-il vettura hemm elenkati, jirrizulta illi hamsa minnhom kienu bidlu n-numru ta' registrazzjoni bejn meta sarilhom it-test sa meta intalbu l-istess certifikati u kwindi r-rikorrenti ma setghax jirrisali ghalihom bin-numru ta' registrazzjoni gdid ipprovdut mill-Awtorita` intimata. Ghalhekk fir-rigward ta' dawn il-hames vetturi, liema vetturi huma elenkati f'Dokument JM8 minn fol. 233 sa fol. 237 tal-process,[1] ir-rikorrent ghandu ragun li minghajr *chassis number* ma seta' qatt isib ic-certifikati taghhom. Ir-rikorrenti jindika vettura ohra mal-hamsa hawn fuq imsemmija, u cioe` dik bin-numru IBX 198 li skont hu n-n-numru ta' registrazzjoni gie mibdul ghal GRO 770. Dwar din il-vettura huwa esebixxa ritratt a fol. 252. Madankollu minn dan ir-ritratt ma jirrizultax in-numru tal-vettura in kwisjtoni, pero` jirrizulta illi t-test fuq il-vettura IBX 198 telghalu wara li l-Awtorita` intimata ipprovdietlu c-*chassis number* tal-istess vetturi li skont id-dokument a fol. 51 hija l-istess wahda b'pjanci ta' registrazzjoni mibdulin ghal GRO 770. Dan ma jirrizultax li gie kontestat mill-Awtorita` intimata fil-mori ta' dawn il-proceduri.

Illi mix-xhieda ta' Angelo Cardona jirrizulta wkoll, kif ukoll ippruvat bir-ritratti esebiti bhala Dokument EGX1 sa EGX7 illi s-seba' vetturi l-ohra imsemmija f'Kategorija A kellhom xi numru jew ittra zbaljata meta gew imdahhla fis-sistema u kien ghalhekk li r-rikorrenti ma setghax isib ic-certifikat taghhom meta mitlub. Illi dan it-Tribunal, wara li ra d-dokumenti hawn fuq imsemmija li jikkonsistu f'numru ta' ritratti ta' vetturi bin-numri ta' registrazzjoni taghhom, huwa tal-fehma illi dak sottomess mir-rikorrent ghandu mis-sewwa u li kien biss ghaliex gie imdahhal numru jew ittra zbaljata fis-sistema li r-rikorrent ma setghax johrog ic-certifikati tat-testijiet rikjesti mill-Awtorita` intimata. Illi filwaqt li r-rikorrent kellu joqghod ferm iktar attent fid-*data* li kien qieghed idahhal fis-sistema, ma jsibx illi dawn l-izbalji saru b'xi mod qarrieqi. Illi dawn il-vetturi huma s-segwenti, u cioe`:

| Numru mdahhal mir-rikorrenti | Numru ta' registrazzjoni tal-vettura |
|---|---|
| GUI 083 | GBI 083 |
| DCB 079 | DCB 879 |
| JLN 082 | GLN 082 |
| HBI 628 | HBI 618 |
| TEA 106 | TRA 106 |
| FB\Z 753 | FBZ 753 |
| HAB 233 | HAB 293 |

Madankollu it-Tribunal josserva illi fir-rigward tas-seba' (7) vettura hawn fuq citati, mic-certifikati li esebixxa fir-rigward taghhom ir-rikorrenti, jirrizulta illi c-certifikat ta'

[1] Dawn il-vetturi kienu s-segwenti u cioe` HAK 409 li giet HBV 196, IAF 303 li giet JLT 260, LDC 631 li giet JON 624, ABK 727 li giet ACN 114, BCB 707 li giet DAN 330.

sitta minnhom huwa inkomplut filwaqt li huwa biss dak tal-vettura FBZ 753 li huwa komplut. Illi pero` dan it-Tribunal mhux se jidhol f'dan il-mertu stante li huwa jista' jirrevedi biss ir-ragunijiet tad-decizjoni appellata.

Ghaldaqstant fir-rigward tal-Kategorija A it-Tribunal huwa tal-fehma illi ghalkemm ic-certifikati tat-testijiet tal-vetturi ma nghatawx malli dawn gew mitluba, jirrizulta illi ghal sitta (6) minnhom dan ma setghax isir sakemm l-Awtorita` intimata ma pprovdietx ic-*chassis number* u fir-rigward tas-sebgha (7) l-ohra jirrizulta li sar zball genwin meta gie mdahhal in-numru ta' registrazzjoni ta' kull vettura.

Illi fir-rigward ta' sitt (6) vetturi elenkati f'**<u>Kategorija B</u>** tad-decizjoni appellata jirrizulta illi l-Awtorita` intimata hasset li kien hemm nuqqasijiet da parti tar-rikorrent stante li l-istess vetturi inhargilhom certifikat ta' *pass* meta fil-fatt suppost kellhom jehlu mit-test. Illi dawn il-vetturi huma s-segwenti:

**FCE 207 -** Skont l-Awtorita` intimata` din il-vettura ma kellhiex tghaddi mill-VRT ghaliex m'ghaddietx mit-test tal-brejkijiet. Illi minn harsa lejn ir-rizultat esebit minn Angelo Cardona a fol. 76 jirrizulta illi t-test ta' din il-vettura sar fis-7 ta' Awwissu 2018 fil-17:02:23 u li l-vettura ghaddiet mit-test tal-brejkijiet. Madankollu it-test pprovdut mir-rikorrent lill-Awtorita` intimata u li kopja tieghu tinsab a fol. 131 juri li fl-istess gurnata u hin il-vettura m'ghaddietx mit-test tal-*front axle*. Dan it-Tribunal ma jara l-ebda spjegazzjoni plawsibbli kif fl-istess sekonda hargu zewg testijiet, wiehed *fail* u l-iehor *pass*.

**HBI 291 -** Skont l-Awtorita` intimata` din il-vettura ma kellhiex tghaddi mill-VRT ghaliex m'ghaddietx mit-test tal-brejkijiet u mit-test tal-emissjonijiet. Illi minn harsa lejn ir-rizultati ta' zewg certifikati tal-istess vettura esebiti minn Angelo Cardona a fol. 60 u 61 jirrizulta illi t-test ta' din il-vettura sar fit-30 ta' Awwissu 2018, bl-ewwel test isir fit-15:51:03 u l-vettura m'ghaddietx mit-test tal-*imbalance* tal-*front axle* bil-persentagg ta' zbilanc ikun ta 43% meta l-limitu accettabbli huwa dak ta' 30% jew inqas u wkoll mit-test tal-emissjonijiet. Fit-15:57:05 rega' sarilha test iehor u l-izbilanc gie 1% u ghaddiet mit-test tal-emissjonjiet.

**CCG 787 -** Skont l-Awtorita` intimata` din il-vettura ma kellhiex tghaddi mill-VRT ghaliex m'ghaddietx mit-test tal-*parking brakes*. Illi minn harsa lejn ir-rizultati esebit minn Angelo Cardona a fol. 62 u 63 jirrizulta illi t-test ta' din il-vettura sar fil-31 ta' Awwissu 2018 fin-12:30:49 fejn il-vettura ma' ghaddietx mill-imsemmi test stante li l-efficenzja kienet 2, mentri l-limitu accettabbli kien ta' 16 jew iktar. Sarilha test iehor fin-12:37:12 fejn ma gie registrat l-ebda valur la ghall-*parking brake efficiency* u laqas ghas-*service brake efficiency* pero` xorta c-certifikat hareg bhala *pass*.

**GAO 358** – Skont certifikat esebit minn Angelo Cardona a fol. 64 din il-vettura ghaddiet mill-VRT fil-31 ta' Awwissu 2019 wara li sarilha t-test. Madankollu meta l-istess vettura sar *retest* fuqha fil-presenza tal-ufficjali tal-Awtorita` intimata fis-6 ta' Settembru 2019 l-istess vettura m'ghaddietx mit-test tal-*steering mechanical system* u

wkoll mit-test tad-dawl, liema zewg difetti huma kkunsidrati bhala magguri skont kif jirrizulta mid-dokumenti esebiti minn Joseph Mifsud a fol. 145 sa 148 tal-process.

**HAT 808 -** Skont l-Awtorita` intimata` din il-vettura ma kellhiex tghaddi mill-VRT ghaliex m'ghaddietx mit-test tal-brejkijiet. Illi minn harsa lejn ir-rizultati esebiti minn Angelo Cardona a fol. 65 u 66 jirrizulta illi l-ewwel t-test ta' din il-vettura sar fil-31 ta' Awwissu 2018 fis-14:33:29 fejn m'ghaddietx mit-test tal-brejkijiet (*front axle)* billi l-izbilanc kien ta' 38% meta l-limitu accettabbli huwa ta' 30% jew inqas. Sar it-tieni test fis-14:38:02 fejn l-izbilanc imsemmi gie 4% u allura l-vettura ghaddiet mit-test.

**FCN 981 -** Skont l-Awtorita` intimata` din il-vettura ma kellhiex tghaddi mill-VRT ghaliex it-test tal-emissjonjiet gie 0 u dan skont kif muri fic-certifikat a fol. 67. Illi din il-vettura jirrizulta illi hija tal-marka Mercedes Benz tal-2002 u skont l-Awtorita` intimata it-test ma sarx kif suppost ghaliex kieku sar kif suppost ma kien se jirrizulta qatt illi l-istess vettura m'ghandha l-ebda emissjonjiet. Angelo Cardona jispjega li din il-vettura kellha *Diesel Particulate Filter* (DPF), u cioe`, *filter* gos-*silencer* li jirriduci l-emissjonijiet ghax-xejn u li l-iktar li jista' jimmarka huwa 0.01-0.02.

Illi wara li t-Tribunal ha in konsiderazzjoni l-provi kollha mressqa u r-ragunijiet imressqa mir-rikorrenti u minn ibnu biex jirribattu n-nuqqasijiet riskontrati mill-Awtorita` intimata, huwa tal-opinjoni illi d-dikrepanzi bejn it-tests u r-*retests* huma tant kbar illi ma jqisx illi dak sottomess minnhom huwa kredibbli. Fir-rigward tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni FCN 981 ir-rikorrent jallega li din kienet armata b'*Diesel Particulate Filter*. Jekk huwa hekk huwa possibbli li l-valuri tal-emissjonijiet ikunu xejn jew minimi. Pero` l-allegazzjoni tieghu baqghat biss allegazzjoni u ma gab l-ebda prova dwar dan.

Ghalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-Awtorita` intimata kienet gustifikata meta hasset illi kien hemm in-nuqqasijiet riskontrati fil-vetturi msemmija f'Kategtorija B.

Illi fir-rigward ta' hames (5) vetturi elenkati f'**<u>Kategorija C</u>** tad-decizjoni appellata jirrizulta illi l-Awtorita` intimata hasset li kien hemm nuqqasijiet da parti tar-rikorrent stante li l-istess vetturi inhargilhom certifikat ta' *pass* meta t-test ma sarx b'mod komplut. Illi dawn il-vetturi huma s-segwenti:

**JBM 813, HBU 931, TRD 240 u HAA 225** – Skont l-Awtorita` intimata ghalkemm hareg certifikat ta' *pass* lil dawn il-vetturi, ma sarilhomx it-test tal-emissjonijiet.

Fir-rigward tac-certifikat mghoddi mir-rikorrent lill-Awtorita` intimata ghall-vettura **JBM 813** jirrizulta li ma sarx it-test tal-emissjonijiet (a fol. 130) pero` Angelo Cardona esebixxa *re-test* li minnu jirrizulta li t-test sar u l-vettura ghaddiet (a fol. 69). Illi f'dan il-kaz it-Tribunal huwa tal-fehma illi dak li seta' gara kien li meta r-rikorrent gie mitlub sabiex jghaddi c-certifikati tat-testijiet lill-Awtorita` intimata huwa ghaddielha biss l-ewwel test u ma ghaddilhiex ir-retest. Ghalhekk ghalkemm ma jidhirx li kien hemm xi nuqqasijiet fir-rigward ta' din il-vettura, l-Awtorita` intimata m'ghandhiex tort li sabet "nuqqas".

Fir-rigward tac-certifikat mghoddi mir-rikorrent lill-Awtorita` intimata ghall-vettura **HBU 931** jirrizulta li t-test tal-emissjonijiet ta' rizultat ta 0 (a fol. 132). L-istess rizultat esebih Angelo Cardona (a fol. 70).

Fir-rigward tac-certifikat mghoddi mir-rikorrent lill-Awtorita` intimata ghall-vettura **TRD 240** jirrizulta li ma sarx it-test tal-emissjonijiet (a fol. 133) pero` r-rizultat hareg *pass*. Angelo Cardona esebixxa l-istess test (a fol. 72) u test iehor fl-istess gurnata ftit minuti qabel li kien *fail* minhabba l-*parking brake efficiency* (a fol. 71). Pero` jirrizulta illi fir-*retest* ma regghax sar test fuq il-*parking brake efficiency* izda fuq affarijiet li diga kienu ghaddew mit-test, bil-valuri tal-*parking brake efficiency* jithallew vojta (a fol. 72). Kwindi ghalkemm jirrizulta illi t-test tal-emissjonijiet sar (a fol. 71) l-istess test ma kienx komplut.

Fir-rigward tac-certifikat mghoddi mir-rikorrent lill-Awtorita` intimata ghall-vettura **HAA 225** jirrizulta li t-test tal-emissjonijiet ta rizultat ta' 0 (a fol. 134). L-istess rizultat esebih Angelo Cardona (a fol. 73).

Fir-rigward tac-certifikat mghoddi mir-rikorrent lill-Awtorita` intimata ghall-vettura **HBE 252** jirrizulta li ma sarx it-test tas-*service* u l-*parking brake efficiency* (a fol. 138) pero` r-rizultat hareg *pass*. Angelo Cardona esebixxa l-istess test (a fol. 75) u *retest* fl-istess gurnata ftit minuti wara li kien gie *pass* stante li din id-darba sar it-test ukoll fuq l-imsemmija brejkijiet (a fol. 75). Illi f'dan il-kaz it-Tribunal huwa tal-fehma illi bhal fil-kaz tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni **JBM 813** seta' kien il-kaz li r-rikorrent m'ghaddhiex ir-rizultat tar-*retest* lill-Awtorita` intimata.

Illi fir-rigward taz-zewg (2) vetturi li r-rizultat tal-emissjonijiet taghhom kien 0, it-Tribunal huwa tal-opinjoni li t-test ma sarx jew ma sarx kif suppost u kwindi ir-rikorrent ma seta' qatt johrog certifikat ta' *pass* kif ghamel. Fir-rigward tal-vettura **TRD 240**, ghalkemm jirrizulta illi ma kien hemm xejn mhux f'loku fit-test tal-emissjonijiet, xorta wahda ma kellux jinhareg certifikat ta' *pass* stante li l-*parking brake efficiency test* ma sarx kif suppost.

Illi Angelo Cardona xehed ukoll dwar is-sistema tad-dawl tal-vettura Mercedes (a fol. 182) u li t-test tad-dawl jista' jigi *fail* ghaliex l-apparat ma' jaqrax is-shana tal-*High Intensity Discharge Lamps* (HID). Madankollu dan it-Tribunal jirrileva illi l-vettura Mercedes bin-numru ta' registrazzjoni FCN 981 ma wehlitx mit-test tad-dawl izda mit-test tal-brejkijiet. Kienet il-vettura tal-ghamla Mitsubishi bin-numru ta' registrazzjni GAO 538 tas-sena 1992 li m'ghaddietx mit-test tad-dawl.

Illi ghaldaqstant, filwaqt li t-Tribunal jikkoncedi li kien hemm certu nuqqasijiet li fil-mori ta' dawn il-proceduri gew kjarifikati, hemm nuqqasijiet ohra li dan it-Tribunal ma jsib l-ebda gustifikazzjoni ghalihom u dan kif spjegat iktar 'il fuq.

Illi finalment, bhala *operatur*, ir-rikorrent kellu l-obbligu li l-ebda wiehed min-nuqqasijiet hawn fuq riskontrati ma' jsehh. Jekk dan isir jiskattaw is-sanzjonijiet ai

termini ta’ Regolament 21 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15, u cioe`, li jigu applikati l-penalitjaiet ai termini tat-Tnax-il Skeda. Skont Partita 93 tal-imsemmija Skeda, jekk operatur johrog rizultat pożittiv ta’ test, jew mingħajr ma jwettaq it-test komplet, jew fejn kellu jinhareġ riżultat li juri li t-test falla, jitnaqqsulu elf (1000) punt ta’ penalita` li ai termini tar-Regolament 21 (4) tal-imsemmija Legislazzjoni jattiraw maghhom hdax-il ewro (€11) multa amministrattiva ghal kull punt ta’ penalita`.

Kwindi, ghalkemm it-Tribunal se jkun qieghed jirrevoka in parte d-decizjoni appellata filwaqt li jzomm ferm dik il-parti tad-decizjoni li fl-opinjoni tieghu hija gustifikata u ragunata, in vista tan-nuqqasijiet msemmija fid-decizjoni appellata u li qeghdin jigu konfermati permezz ta’ din is-sentenza, huwa tal-fehma li l-elf (1000) punt ta’ penali, il-multa ta’ hdax-il elf ewro (€11,000) u kif ukoll ir-revoka tal-licenzja ta’ operatur huma fic-cirkostanzi gustifikati.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq premessi qieghed jiddeciedi kif gej:

1. Jilqa’ l-appell in kwantu qieghda tigi revokata dik il-parti ta’ nuqqasijiet riskontrati f’Kategorija A tad-decizjoni appellata;
2. Jichad l-appell in kwantu qieghed izomm ferm id-decizjoni appellata ghan-nuqqasijiet riskontrati f’Kategorija B;
3. Jichad l-appell in kwantu qieghed izomm ferm id-decizjoni appellata ghan-nuqqasijiet riskontrati f’Kategorija C, hlief ghan-nuqqas riskontrat fir-rigward tat-test fuq il-vetturi bin-numri ta’ registrazzjoni HBE 252 u JBM 813.
4. Jikkonferma r-revoka tal-licenzja ta’ operatur tar-rikorrent, il-punti ta’ penalita` imnaqqsa, u l-multa amministrattiva inflitta fid-decizjoni appellata.

Bl-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta’ Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**